Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019

SEDUTA NUMRU 26

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta online nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu 2021 fil- 5.00pm.

Din il-laqgħa kellha ssir online minħabba l-Covid 19, u peress li wħud mill- Membri tal-Kunsill huma anzjani u/jew oħrajn jgħixu ma' persuni vulnerabbli u qegħdin fi kwarantina volontarja u/jew mandatorja.

Preżenti:

Noel Muscat	-	Sindku
Maryanne Abela	-	Viċi Sindku
Matthew Bonello	-	Kunsillier
Rowena Scicluna	-	Kunsillier
Paul Fenech	-	Kunsillier
Anna Pisani	-	Kunsillier
Theresa Valentino	-	Kunsillier
Edgar Rossignaud	-	Kunsillier

Uffiċjal Preżenti: Vince Tanti - Segretarju Eżekuttiv

Clarissa Buhagiar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsiller A. Chetcuti kien skużat.

Is- Sindku qal it-talba

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

26.1 Approvazzjoni tal-Minuti

26.1.01 Il-Minuti tas-Seduta Nru.24 ġew approvati hekk kif ġie emendat. Il-Kunsillier E. Rossignaud ġibed l-attenzjoni dwar punt nru:24.3.02. Il-Viċi Sindku approvat u l-Kunsillier T. Valentino issekondat.

26.1.02 Il-Minuti tas- Seduta Nru.25 ġew approvai hekk kif ġie emendat. Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar punt nru.25.2.03 li hemm repetizzjoni ta' xi kliem. Il-Kunsillier T. Valentino approvat u l-Kunsillier A. Pisani ssekondat.

26.2 Punti li joħorġu mill-Minuti

26.2.01 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet dwar il-kwistjoni ta' 2 loading bays fi Triq il-Qasam. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hekk kif indika fl-email li bgħatilha qabel din is-seduta, issa hemm biss loading bay waħda u din tista' tintuża biss minn vetturi kummerċjali.

26.2.02 Hija rreferiet ukoll għal-problema ta' drenaġġ fi Triq il-Qasam. Hawnhekk is-Segretarju informaha li se jerġa' jibgħat reminder lis-Sur Sammut mis-Sanita dwar din il-materja.

26.2.03 Hija staqsiet ukoll jekk saritx il-laqgħa mal-kuntrattur tal-knis rigward il-ħtieġa li b'mod immedjat jonora b'mod professjonali l-kuntratt tiegħu. Is-Segretarju kif ukoll is-Sindku tennew li huma ta' spiss jinfurmaw lil dan il-kuntrattur b' xi nuqqasijiet pero' sa llum, din il-laqgħa għadha ma saritx.

26.2.04 Rigward punt 24.4.03, il-Kunsillier T. Valentino xtaqet tikkjarifka li hija ma taqbilx li dil-parti ta'triq titwessa għal raġuni biss li jista' jagħti l-kaz li sewwieqa jsuqu b'veloċita iktar qawwija. Il-Viċi Sinkdu ikkjarifikat li l-uniku xogħol propost huwa li tiġi mnaddfa sew dil-parti u jerġa' jitella' l-ħajt fejn kien oriġinalment. Is- Segretraju wieġeb li l-Kunsill għadu mhux ikkonfermat ta' min hi din l-art u dan iċ-ċint. Skond sorsi, infurmawh li dawn huma tal-Kurja. Jekk dan hu l-każ, huwa se jitlob lill-Kurja biex tieħu l-azzjonijiet meħtieġa.

26.2.05 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk ġietx sottometta l-applikazzjoni għal proġett ta' Wied id-Dies. Is- Segretraju Eżekuttiv informa li din qiegħda f'idejn il-Perit tal-Kunsill.

26.2.06 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi żvillupi dwar l-applikazzjoni ta' restawr. Is-Segretraju informa li din l-applikazzjoni għadha lanqas għalqet u għalhekk irridu nagħtu ċans sabiex ikollna risposta.

26.2.07 Hija rreferiet għall-Minuti nru.25 rigward l-Afforestation Project. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li huwa kiteb lill-Enemata, GO u Ambejnt Malta dwar din il-materja. Hu informa lil Kunsill li diġa ħa pariri professjonali dwar il-possibilta' li jintuża l-meter li diġa' hemm installat fi service room ta' ħdejn il-Forti pero' dan mhux imqabbad. Is- Segretarju se jkompli jikkomunika ma' dawn l-entitajiet peress li biex inġibu supply ta' dawl tista' tiswa lill-Kunsill 'il fuq minn €18,000.00

26.2.08 Il-Kunsillier R. Scicluna irreferiet għal punt 25.09.36 dwar disabled parking bay fi Triq FX Ebejer. Hija infurmat li din issa m'għadhiex tista' tintuża minn kull persuna li jkollha l-Karta l-Blu imma tista' tintuża biss minn persuna waħda peress li hemm tabella tindika n-number plate speċifiku. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill mhux infurmat b'dan it-tibdil u se jkun qiegħed jiċċekja ma' TM.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

26.2 Punti li joħorġu mill-Minuti - ikomplu

26.2.09 Il-Viċi Sindku irreferiet għall-iskema tal-Playing Fields, fejn qalet li jista' jkun li mhux niftehmu sew għal liema fondi qed tirreferi hi. Hija infurmat li waqt laqgħa tar-Reġjun, kienu ġew imsemmija xi fondi li jistgħu jistgħu jibbenifikaw minnhom il-Kunsilli sabiex jiżdiedu l-faċiltajiet sportivi fil-lokalita'. Hija uriet l-interess li l-Kunsill japplika ma' Reġjun Tramuntana għal dawn il-fondi sabiex issir jogging track. Is- Segretarju wieġeb li se jkun qiegħed jiċċekja ma' Reġjun dwar dawn il-fondi.

26.2.10 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex lura xi feedback dwar l-isem il-ġdid ta' Triq l-Għabex. Is- Segretarju wieġeb li sa llum m'għandu l-ebda risposta dwar dan.

26.2.11 Hija staqsiet jekk hux possibli li jsiru s-sinjali ta' parkeġġ fil-Madliena, issa li minn din iż-żona qed jgħaddi aktar traffiku minnħabba x-xogħolijiet li qed issiru fi Triq Sant Andrija. Is-Segretarju wieġeb li ser jistaqsi lil TM dwar dawn.

26.2.12 Il-Viċi Sindku staqsiet x'ġara fuq ir-Rubble Walls. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma sema xejn mill-Bank u lanqas minn għand il-kuntrattur. Huwa informa li dan il-proġett huwa ferm impenjattiv u jirrkjedi ħafna xogħol. Wara diskuzzjoni twila dwar din il-materja, is-Sindku ppropona li ssir laqgħa mal-kuntrattur ikkonċernat sabiex tintstab soluzzjoni mill-aktar fis. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

26.2.13 Il Kunsillier E.Rossignaud irringrazzja lis- Segretarju Eżekuttiv talli ġie installat l-apparat kollu meħtieġ sabiex meta ssir xi laqgħa online mill-uffiċini tal-Kunsill, wieħed jkun jista' jsewgi aħjar.

26.2.14 Il-Kunsillier E. Rossignaud staqsa sarx xi żvillup rigward il-maskli bl-arma tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku kif ukoll il-Kunsillier T. Valentino infurmawh li dawn il-maskli lesti u huma diġa' għandhom dawn il-maskli.

26.2.15 Il-Kunsillier E. Rossignaud staqsa kif bqajna dwar il-problema ta' l-ilma fis-sala tal-Kunsill. Is-Segretarju informa li din il-materja wkoll qiegħda f'idejn il-Perit tal-Kunsill u hu se jkompli jikkomunika miegħu sabiex tinstab soluzzjoni mill-aktar fis. Is- Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn tinstab soluzzjoni long-term sabiex ma tibqax issir ħsara lill-post kif ukoll oħra short-term peress li din is-sala, hekk kif jitwaqffu r-restrizzjonijiet kontra l-COVID 19, se tkompli tintuża għal ħafna attivitajiet bħal qabel.

26.3 Rapport mis-Sindku

26.3.01 Is-Sindku ppreżenta ir-rapport idettaljat tiegħu li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App.A. Huwa informa li kellu bosta laqgħat ma' diversi entitajiet u Kunsillieri.

26.3.02 Huwa semma l-fatt li qed ikollna diversi xogħlijiet pendenti minn naħa tal-Perit tal-Kunsill u għalhekk jixtieq li jkun hemm kooperazzjoni bla dewmien żejjed minn naħa tal-Perit.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

26.3 Rapport mis-Sindku-ikompli

26.3.03 Is-Sindku żied li fil-5 ta' Marzu, huwa flimkien mal-Kunsillier R. Scicluna kellhom laqgħa online ma' l-Ispettur Ian Vella mill-uffiċċju tal-Kumissarju ta' l-Animali. Huwa informa li matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi punti fosthom il-possibilta' ta' dog park u kampanji edukattivi. Huwa nforma wkoll li fil-11 ta'Marzu, huma iltaqgħu ma' l-istess Spettur sabiex juruh iż-żewġ siti (Triq is-Swieqi ħdejn il-mini jew Triq il-Marbat) li jistgħu jkunu ideali għad-dog park. Is- Segretarju informa li għad irridu nistabillixu s-sidien ta' dawn il-plots abbandunati.

26.3.04 Is- Sindku informa li fil-11 ta' Marzu, huwa kellu laqgħa wkoll dwar l-appell tal-proġett ta' l-ex Halland Hotel. Il-Kunsillier R. Rossignaud informa li din ġiet diferita għat-3 ta' Ġunju fis-13.30 għax għad trid tiġi provduat iktar informazzjoni peress li jista' jkun li parti mill-art inkwistjoni hija propjeta' tal-Gvern.

26.3.05 Huwa nforma li kien hemm pjanat li ssir laqħa mal-Perit J. Cachia u l-Perit D. Falzon dwar il-proġett ta' Triq is- Sidra nhar is-16 ta'Marzu pero' sfortunatament il-Perit J. Cachia kienet kwarantina u għalhekk dil-laqgħa kellha tkun skedata għal darb oħra.

26.3.06 Huwa attenda wkoll għal webinar li sar fis-16 ta' Marzu dwar l-immaniġjar ta' l-iskart. Matul din il-laqgħa, ġie infurmat wkoll li se jitwaqqaf Reġjun ieħor u li bħalissa għaddejin diskuzzjonijet sabiex jiġi stabilit fejn se jkunu l-uffiċini tiegħu. Huwa informa li sfortunatament, Malta ma laħqitx il-miri ta' l-UE u għalhekk se jkollu jsir tibdil fl-immaniġjar ta' l-iskart. Waħda mill-bidliet hija li r-Reġjuni se jkunu responsabli mill-kuntratt ta' ġbir ta'skart mhux il-Kunsilli. Bħal Sindki oħra, huwa nforma li ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni għax b'hekk jemmen li se jkompli jonqos il-kuntatt ma' residenti.

26.3.07 Is- Sindku informa li s-Surġent M. Cremona li huwa responsabli mill-Community Policing fis-Swieqi, issa laħaq Spettur. Huwa awguralu aktar success fil-kariga ġdida tiegħu u rringrazzjah ta' xogħol siewi li sar. Is- Sindku ġie infurmat li s-Surġent il-ġdid hija Denise Vella u din se tkun qed tkompli l-ħidma fis-Swieqi flok Surgent Cremona. Is- Sindku awguralha kull success u talab sabiex issir laqgħa uffiċċjali magħha.

26.3.08 Is- Sindku staqsa jekk hux possibli li jsiru xi tibdilet dwar l-immaniġjar ta' traffiku fi Triq is-Slielem sabiex din iż-żona tkun aktar sigura. Is- Segretarju wieġeb li se jkun qed jagħmel kuntatt ma' IM.

26.3.09 Huwa informa li minkejja li għaddew 6 xhur, ix-xogħol fi Triq it-Tiben għadu mhux ffinalizzat. Tant hu hekk li b'dispjaċir ġie inuttat li għadu lanqas beda' ix-xogħol ta' tarmak. Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk hux qed issiru xi trinek sabiex id-dawl u servizzi ta'triq jgħaddu minnhom ħalli ma jkunx hemm wires mal-faċċati ta' residenti. Is- Sindku nforma li dan mhux pjanat li jsir minn naħa ta' IM u għalhekk id-dawl ta' triq se jibqa' kif kien qabel.

26.3.10 Ġie inuttat wkoll li beda xi xogħol fi Triq tal-Franċiż fil-waqt li tenna li kull xogħol huwa apprezzat, huwa jħoss li hemm diversi toroq iktar fil-bżonn ta' rikostruzzjoni minn din it-triq partikolarment Triq il-Ħemel u parti minn Triq il-Miżura. Għaldaqstant, huwa prefera li kieku se ssir xi waħda minn dawn it-toroq minnflokk; dan minħabba l-fatt li Triq tal-Franċiż għadha fi stat tajjeb u anke l-bankini huma fi stat tajjeb.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

26.3 Rapport mis-Sindku-ikompli

26.3.11 Rigward il-proġett ta' tisbieħ fi Triq is-Sidra huwa nforma li dan ġie ffinaliżat u twaħħlu wkoll reflectors sabiex jgħinu lis-sewwieqa. Huwa informa wkoll li sfortunatment matul il-weekend li għadda xi vetturi kbar tal-kostruzzjoni għamlu xi ħsarat u għalkemm għandna n-numri tal-pjanċi ta' vettura minnhom, ta' tieni waħda sfortunatament m'għandniex. Huwa nforma wkoll li se jsiru xi planters u se tinżera siġra tal-Milied kif ukoll xi Birds of Paradise. Il-Kunsillier T. Valentino ġibdet l-attenzjoni li għalkemm dawn huma pjanti sbieħ ferm, jista' jkun li l-ġeruq tagħhom jikkawżaw xi problemi 'il quddiem. Is- Sindku assiguraha li dawn se jsiru fuq rekkomandazzjoni tal-ġardinar.

Il-Kunsillier P. Fenech daħal għal din is-seduta. Il-ħin kien 18.30. Huwa skuża ruħu li ma setax jkun fil-ħin minħabba appuntament importanti relatat ma' saħħa.

Il-Kunsillier P. Fenech informa lis-Sindku li xi vetturi qed issibu diffikulta biex joħorġu minn Triq il-Gejża għal Triq is-Sidra minħabba dan il-proġett u jista' jaghti l-każ li jekk se jitpoġġew xi planters, se tkompli tonqos il-vizabilta' ta' sewwieqa. Is-Sindku assigurah li huwa mar fuq is-sit diversi drabi flimkien mal-Kunsillier E. Rossignaud u jekk kemm il-darba wieħed jkun kawt jista' joħroġ bla problem. Is- Sindku infurmah li l-problemi jinħolqu jekk jkun hemm l-karozzi pparkjati ħażin sakemm is-sewwieqa jinżlu jixtru m'għand il-bejjiegħ tal-ħaxix. Il-Kunsillier E. Rossignaud informa li jekk kemm-il darba jitneħħew il-parking bays, dil-problema titnaqqas.

26.3.12 Is-Sindku informa li l-fencing ta' Ġnien FX Ebejer suppost dal-waqt se jkun Malta u hekk kif jasal huwa pjanat li jiġi installat mal-ewwel.

26.3.13 Huwa nforma li b'dispjaċir, il-proġett tal-Ġnien Espirt Barthet għadu mwaħħal minħabba xi dokumentazzjoni oħra. Is- Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jkun qiegħed jerġa' jagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill dwar dan.

26.3.14 Is-Sindku wera x-xewqa li mill-aktar fis tiġi installata xi playing equimpment għat-tfal minnflokk iż-żurżieqa antika li kienet inqalgħet minn Ġnien M. Caruana Curran. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li huwa diġa akkwista xi kwotazzjonijiet u li dan ix-xogħol se jkun qed jiġi inkluż fl-iskema tal-Playing Fields. Is- Segretarju informa wkoll li nistgħu ninstallaw xi training equimpement għall-adulti f'dan l-istess ġnien pero' s-Sindku ma jixtieqx li ż-żona ta' tfal tkun viċin ta' dik tal-kbar. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li din tista' tiġi instlallata fil-parti l-oħra tal-ġnien fejn kien se jkun hemm reservoir.

26.3.15 Rigward il-possibilta' ta' Ambaxxatur ġdid ta' żgħażagħ, is- Sindku informa li flimkien mal-Kunsillier A. Pisani huwa kellu laqgħa mas-Sa. Kara Borg Aquilina. Huwa nforma li din iż-żagħżugħa hija ferm attivita' f'diversi għaqdiet u għalhekk jemmen li hi ideali għal din il-kariga. Il-Kunsillier A. Pisani infurmat li jekk din taċċetta tkun tista' tibda' tokkupa din il-karga mill-aħħar ta'Ġunju 2021. Is- Sindku ssostna li l-Kunsill irrid jaħdem iktar sabiex jħeġġeġ iktar żgħażagħ.

26.3.16 Is- Sindku staqsa jekk sarux xi żvillupi rigward il-possibilta' li jitwettaq il-proġett dwar it-tifsiriet ta' l-ismijiet ta' toroq tal-lokalita'. Wara diskuzzjoni fit-tul dwar dan is-suġġett, ġie deċiż li tiġi kkuntattjata Sinjura li toqgħod fiż-żona ta' Victoria Gardens dwar il-possibilta' li tgħin f'dan il-proġett. Is-Sindku se jipprova jiġbor xi kuntatti.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

26.4 Rapporti mill-Kunsilliera

26.4.01 Il-Viċi Sindku infumat lil Kunsill li skond l-aħħar komunikazzjoni li kellha mas-Segretarju tar-Reġjun, jidher li dan il-Kunsill se jingħata 3 CCTV cameras (jista' jkun wkoll li tingħata 4 waħda wkoll). Hija pproponiet li dawn għandhom jiġu nstallati f'żoni fejn hemm il-problema ta' skart. Hija staqsiet hux possibli li waħda minn dawn titwaħħal fi Triq l-Inġinier peress li skond rapporti minn resienti ta' spiss qed ikun hemm ħafna skart mormi bl-addoċċ f' din it-triq. Hija infurmat li jekk kemm-il darba dawn jingħataw lil Kunsill sa' l-aħħar ta'Mejju dawn irridu jkun qed joperaw.

26.4.02 Il-Kunsillier R. Scicluna tkellmet dwar l-e magazine fejn infurmat li jekk il-Kunsill irrid li tinħareġ edizzjoni oħra hemm żewġ għażliet ta' x'jista jsir:

- Jew dik li l-Kunsillier interressati li jiktbu, jibgħatu l-artiklu tagħhom sa din il-ġimgħa

- jew dik li timla' l-e magazine b'artikli interresanti oħra mill-għaqiet volontarji bħal Girl Guides/ Chess Club etċ.

Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-Viċi Sindku kif ukoll il-Kunsillier E, Rossignaud se jibgħatu l-artikli tagħhom u l-bqija jkun idedikat għall-artikli mill-għaqdiet.

26.4.03 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet x'se jsir dwar il-ħarġa tal-fuljett li jmiss. Is- Sindku staqsa xi kemm jammontaw l-ispejjeż relatati mal-printing ta' dan il-fuljett. Hija infurmat li sitt elef kopja jammontaw għal €1,625.00 f'każ li ma jinstabux reklami. Il-Kunsillier M. Bonello staqsa jekk jistax jikkomunika mal-persuna li qed tieħu ħsieb ir-reklami sabiex jgħinha tiġbor iktar reklami forsi tkun tista' tonqos l-ispiza indikata. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li dan il-fuljett jiġi ppublikat u mqassam fil-bidu ta' Diċembru sabiex b'hekk ikun hemm żmien biżżejjed biex wieħed jippreparaw u forsi l-istabillimenti jkun f'qagħda finanzjajrja aħjar li jagħmlu reklami. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti dwar dan.

26.4.04 Hija rreferiet għall-app il-ġdida u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi ġodda. Is- Segretarju wieġeb li hu għadda l-informazzjoni li Data Protection Officer sabiex jkun assigurat li hemm kollox skond ir-regoli tal-GDPR. Hija infurmat li skond l-aħħar informazzjoni, jidher li jonqos biss li jiġi ffirmat licensing agreement u xi pagament. Is- Segretarju informa li ħa jkun qiegħed jikkomunika mas-Sur A. Musu personalment.

26.4.05 Il-Kunsillier R. Scicluna infurmat li hekk kif diġa' indika s-Sindku nhar il-5 u 11 ta' Marzu huma Iltaqgħu ma' l-Ispettur Ian Vella mill-uffċċju tal-Kumissarju tal-Ħarsien ta' l-annimali. Hija infurmat li waqt dawn il-laqgħat, ġew infurmati li bħala kampanja edukattiva se jtuna għotja ta' bejn 25-30 ktieb għat-tfal sabiex issir xi tip ta' kompetizzjoni biex titqajjem iktar kuxjenza dwar is-saħħa u żamma ta' l-animali domestiċi. Hija infurmat wkoll li waqt din il-laqgħa staqiset hux possibli li jinxtara scanner sabiex wieħed jkun jista' jiċċekja min hu sid tal-klieb li jkunu mitlufin. Dan jista' jinxtara għal madwar €150, spiża ta' darba biss.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

26.4 Rapporti mill-Kunsilliera

26.4.06 Il-Kunsilliera Theresa Valentino infurmat lill-Kunsill li xi residenti staqsew għal installazjoni ta' speed bumps fi Triq Żejni u Triq l-Uqija. Hija infurmat li f'dawn iż-żewġ toroq residenzjali żdied it-traffiku u xi drabi is-sewwieqa isuqu b'veloċita qawwija. Is- Sindku informa li din il-problema hija kontinwa u peress li t-traffiku żdied sew, ta' kuljum il-Kunsill jirċievi rapport simili u jiġu mgħoddija lil uffiċċjali tal-Community Police. Huwa nforma li Kunsilli Lokali oħra ħadu deċiżjoni li jneħħu kull speed bump u li ma jiġux installati aktar.

26.4.07 Hija staqsiet hux permess li jinxtraw speed guns sabiex jiġu użati mill-Community Police. Is-Sindku nforma li hemm xi Kunsilli Lokali li xtraw wieħed pero' skond informazzjoni li huwa għandu, dawn jistgħu jintużaw biss mll-uffiċċjali ta' TM u ta' LESA.

26.4.08 Hija nfurmat wkoll li fi Triq Żejni hemm bżonn li jiġi rifreskati s-sinjali ta' STOP fi triq. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li tintbagħat Works Order lil kuntrattur ikkonċernat.

26.4.09 Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li rċeviet suġġeriment sabiex tiġi installata post box fi Triq il-Pedidalwett. Is- Sindku nforma li xi żmien ilu, huwa kien diġa' staqsa lis- Sur Gafa dwar din il-possibilta' u għalhekk se jerġa' jibgħatlu reminder. .

26.4.10 Il-Kunsilliera Theresa Valentino infurmat li waqt it-tqassim tal-pjanti, resident minn Triq Villa Rosa ilmenta dwar l-istat tal-bankina ta' ħdejn residenza tiegħu. Hija qalet li mid-dehra dil-bankina tiżloq u staqsiet hux possibli li jsir xi ħaġa f' dan ir-rigward. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-opportunita' sabiex jirringrazzja lil Kunsillier T. Valentino dwar l-inizjattiva ta' tqassim tal-pjanti lill-anzjani.

26.4.11 Il-Kunsillier Matthew Bonello irrefera għax-xogħol li qed issir minn naħa ta' IM fi Triq Sant Andrija. Huwa staqsa jekk il-Kunsill hux infurmat jekk ix-xogħlijiet ta' tarmac hux ser jitkompla jinzel l'isfel lejn traffic lights ta' Pembroke. Is- Sindku qal li għad m'hemm xejn żgur pero' jidher li skond il-pjanti, it-traffic lights se jiġu kompletament eleminati. Il-Kunsiillier Edgar Rossignaud informa li għalissa l-pjanti għandhom *suspended.* Il-pjanti li ġew approvati huma biss sa ex-Forum Hotel.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Eżekuttiv

26.05 Tmiem il-Laqgha u data tas-Seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fit -20.15 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 22 ta' April 2021 fil 17.00.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

SWIEQI LOCAL COUNCIL

COUNCIL MEETING 18.05.2021

MEETINGS HELD/ATTENDED

06.04.21 - Meeting with Perit Dieter Falzon and Perit Joslyn Cachia from V & C Contractors re major patching works that need to be carried out in triq il Qasam and triq is Sidra. In attendance the executive secretary, Mr Vince Tanti

12.04.21 - Meeting with Sergeant Mark Cremona and Sergeant Denise Vella. Sergeant Vella will be replacing Sergeant Cremona who has now been promoted to Inspector.

14.04.21 – Meeting with Dr Raphael Fenech Adami re appeal to be lodged against the court judgement re injury sustained by Ms Micallef due to a fall in the passage that connects triq il Giebja to triq Josef Kalleja. We held an on site meeting so as to better understand the situation. The appeal has been submitted.

15.04.21 – attended a Zoom meeting organised by AKL re 'Infrastructure in Malta'.

16.04.21 – meeting with Xendent and his architect re proposed works in their work premises. In attendance councillor Edgar Rossignaud.

21.04.21 – meeting at Wastererv re garbage collection and bulky refuse. In attendance, councillor Alex Chetcuti and contractors Chris and Joseph Galea.

22.04.21 – Meeting with contractor David Caruana re development works being carried out in Swieqi road, next to J V Pharmacy.

22.04.21 – scheduled local council meeting was cancelled due to the fact that ANSEC (the Association for Executive Secretaries) and their representative Union called an industrial strike due to some dispute with Central Government.

29.04.21 – meeting with Ms Bernardette Bonnici Kind, her son and another resident re road works carried out in the junction triq Habb il Qamh, triq il Fjorin and the nearby road possibly without a name. residents are asking that triq Habb il Qamh become a one way road and that some safety measures be introduced. We have written to Transport Malta and are still waiting for a reply.

A chaser has been sent today.

30.04.21 – Meeting at Infrastructure Malta

In attendance IM CEO, Ing Frederick Azzopardi, and Periti Raphael Abdilla, Walter Portelli and Corinne Dimech obo Infrastructure Malta and Vice Mayor MaryAnne Abela and councillors Edgar Rossignaud and Alex Chetcuti representing the local Council. We discussed the new traffic measures in triq is Slielem and nearby roads, one way systems, traffic calming measures, road signs in triq il Madliena , shifting of a pole at the upper part o triq il Prekursur as well as repairs required to the existing rubble wall at the upper part of Prekursur. Whereas we seemed to have agreed on all the measures, it appears that none have been implemented as yet

05.05.21 – Meeting with Mr Keith Wismayer and Ms Didi Busietta in Triq il Fortizza re pending requirements and issues in that road and nearby surroundings.

06.05.21 – Meeting with Mr Valcho Valchev and his architect re proposed clinic in the corner Wasliet/Ghajn to which the local council had objected. In attendance Perit Anton Valentino

12.05.21 – Meeting with Sergeant Denise Vella re Madliena Neighbourhood Watch. In attendance Vice Mayor MaryAnne Abela

12.05.21 - Zoom meeting with the Commissioner for the Rights of Persons with Disability CRPD, Ms Samantha Pace Gasan and her assistant. In attendance councillor Theresa Valentino. We explored the possibilities of the two bodies working closely together so as to improve accessibility and integration. It was decided that council staff will be given training on how to deal with people with a disability.

13.05.21 – Meeting with Mr Ramon Deguara, head of the Malta Cleansing Department. In attendance Councillor Alex Chetcuti.

We discussed the possibility that some of our roads be washed, particularly those in the vicinity of shopping areas, thus Pjazza l-Uqija, triq il Qasam, Swieqi Road and Ibrag road besides others.

The Department also accepted to donate to our council a number of dog bins and ash trays. We thank Mr Deguara and his team for their collaboration and assistance.

14.05.21 – Minister for the Environment – Hon Aaron Farrugia - Planning Development Funds

During a short, low key ceremony held in Gnien F X Ebejer, Minister for the Environment Hon Aaron Farrugia accompanied by the Chairman for the Planning Development Fund, Perit Vince Cassar, presented to the Swieqi Local Council the portion of the funds (70%) that will be used to enlarge and embellish Gnien Esprit Barthet and also the funds that will be used to enlarge the Club House in Gnien Maurice Caruana Curran. It was the express wish of the Minister's secretariat to keep this activity low key and not to invite anyone from the council or even the press. In attendance was the Mayor of Mellieha since they too received funds to finance a project.

I thanked the Minister for coming to our locality to hand over these funds. I emphasised the importance of these funds for local councils and encouraged the Minister to increase the financing from 70% to 90% or even 100%.

07.05.21 – Meeting with Sergeant Denise Vella

In attendance local councillors. This meeting was held so that the newly appointed Sergeant Vella and the Swieqi Councillors could introduce each other and discuss challenges that the locality faces. We all wished her the best of luck and thanked her and her Team for their efficient service.

Court Case

The Swieqi Local Council was ordered by the Court of Magistrates to compensate Ms Micallef € 10,000 so as to compensate for injuries sustained by Ms Micallef when she tripped in the passage that leads from triq il Giebja to triq Josef Kalleja. Th Magistrate concluded that the local council was duty bound to carry maintenance works in this passage.

We have appealed this sentence since this is a passage, which is privately owned, is not an official road. A staircase was meant to have been constructed by Infrastructure Malta/Transport Malta on the land adjacent to this passage.

Road Works

Triq it Tiben – after nine months, the road works in triq itTiben have not been completed. The first layer of tarmac was laid about three weeks ago. However works have been stopped due to the fact that a particular block of flats had drainage seeping into their basement. Tests were carried out however to date we do not have an official reply regarding the outcome of these tests.

It must be noted that together with the Executive secretary Mr Vince Tanti we attended an on site meeting with Perit Joseph Galea from IM , and residents who live in the effected block of flats and nearby residences.

Incidentally today another resident called me to inform me that he too has drainage problems.

I have sent a chaser to IM, only to be informed that they are still wating for the outcome of the drainage tests !!

Triq is Slielem – reported above

Triq Tal Franciz – road works are being carried out in the upper part of triq tl Franciz (from Mizura to Ibrag road). Water connections have been replaced and the pavements rebuilt.

I am informed by the Architect in charge , Perit Joseph Galea, that the middle part of triq tal Franciz that is the undone part from triq V Menville to triq il Mizura is going to be resurfaced. That would be very good news for the traffic management system in Swieqi. Fingers crossed

Capital projects / Embellishment works

Gnien F X Ebejer – the fence around this garden has been installed. the gazebo, outdoor gym equipment and rubber tiles need repair. We have applied for funds to repair them. However if we do not obtain these funds we will need to carry out the repairs from our own funds

Gnien Maurice Caruana Curran. We need to replace the Gazebo which is beyond repair and replace the slide with a new toy suitable for children between the age of 5 and 10. Even in this case we have applied for funds. If we do not manage to obtain funding we will have to fork out the expenses ourselves.

Gnien Esprit Barthet – now that we have obtained the necessary funding, we are chasing the contractor to carry out the scheduled works. Believe it or not they asked for an increase in the price.

Club House – as announced earlier, we have obtained the funding. The contractor should be starting works imminently.

Embellishment works in triq is Sidra

This week we have started works on the third phase of the project, the embellishment of the corner Sidra/Sirk. Hopefully works will be completed by the end of this week after which major patching works will be carried out in triq is Sidra.

Embellishment of Ibrag road

We have started the process to apply for the required works. We have set time frames. Let's hope that we will tick to them.

Rubble Wall – the contractor has informed the Executive Secretary that by June or July he should have the funds to be able to pay for the guarantee.

New Bins

I asked the Hon Minster of Tourism, the Hon Clayton Bartolo, to finance the cost of new bins. We asked for 25 bins and received 10. We heartily thank the Hon Minister for his kind assistance.

Incidentally I have asked the Hon Minister Aaron Farrugia to finance the the other 15 bins. Fingers crossed.

Post Covid Activities

We are working to carry out activities once the Covid restrictions are lifted or eased. Thus Active Ageing activities, Swieqi Fest, Art Exhibitions etc. we are also discussing the possibility of organising the outdoor activity which we

planned to organise last year in triq l-Ibrag next to Vago and Drift. We are aiming for the 28th or 29th June

State of the Council Hall

Maghtab Incinerator

May I take this occasion to heartily thank the Executive Secretary, council staff and all the councillors for your help and assistance to serve the locality during these very challenging times.

Noel Muscat

Mayor

18.05.21